# QORTI ĊIVILI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħmistax (15) ta' Marzu 2022**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 240/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Edward Polidano (ID 438880M)**
**u**
**Stephanie Polidano (ID 82783M)**

**Vs**

**Andrew Briffa (ID 505376M)**
**u**
**Antonella Briffa (ID 779M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fis-17 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex, bil-għan illi jiġu kkawtelati d-drittijiet tagħhom, il-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati sabiex:

   *Iżommu lill-intimat u/jew nies minnu imqabbda u/jew soċjetajiet minnu rappreżentati u/jew mmexxija milli personalment jew tramite ħaddiema u/jew kuntratturi u/jew terzi persuni nkarigati, jibda, jagħmel, ikompli u/jew jwettaq kwalunkwe xogħol fuq l-għalqa propjeta' ta' l-istess rikorrenti f'Ta' Landar is-Sultan, Birżebbugia.*

2. Rat illi fis-17 ta' Frar 2022, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni provviżorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimat b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-3 ta' Marzu 2022.

3. Rat illi, permezz ta' risposta ippreżentata fit-2 ta' Marzu 2022, l-intimati Andrew Briffa u Antonella Briffa opponew għall-ħruġ tal-Mandat kif mitlub billi saħqu illi r-rikorrenti ma għandhom ebda dritt prima facie u r-rikorrenti ma huma ser isofru ebda preġudizzju jekk isiru x-xogħolijiet minnu intiżi.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-3 ta' Marzu 2022, fejn ir-rikorrenti ippreżentaw pjanta, redatta mill-Perit Charles Buhagiar li fiha ġie indikat l-art li dwarha hemm disputa bejn il-partijiet, liema art hija delinjata bil-blue u indikata bl-ittra 'A' fl-istess pjanta, li tinsab a fol 63 tal-proċess, u li hija l-meritu ta' kawża Edward Polidano et vs Andrew Briffa et, Rikors Ġuramentat Nru 84/2021 RGM.

5. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2022, l-intimati talbu differiment sabiex jivverifikaw id-dokument eżebit mir-rikorrenti sabiex jgħarrfu lill-Qorti il-posizzjoni tagħhom dwar tali pjanta u żona indikata mir-rikorrenti.

6. Semgħet lir-rikorrenti, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022, jivverbalizzaw u jiddikjaraw illi l-intenzjoni tagħhom għal tali Mandat ta' Inibizzjoni huwa sabiex l-intimati jiġu inibiti unikament milli jagħmlu kwalsiasi xogħol fuq il-biċċa art indikata bil-Blue u bl-ittra 'A' fil-pjanta ġia minnhom preċedentement ippreżentata u li tidher a fol 63.

7. Semgħet lill-intimati jgħarrfu lill-Qorti illi jikkkonfermaw li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda dik il-biċċa art bil-blue u indikata bl-ittra 'A' fil-pjanta eżebita fis-seduta preċedenti u ma jsibu ebda diffikulta illi l-Mandat jiġi limitat biss għal dik il-medda art.

8. Semgħet il-partijiet jgħarrfuha illi hemm diverġenza ta' opinjoni dwar fejn hija, ta' fejn hija l-linja diviżorja bejn il-partijiet, liema diverġenza hija l-meritu tal-kawża fuq imsemmija.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Wara illi rat il-verbal illi sar quddiemha stess fl-10 ta' Marzu 2022 mill-partijiet;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fis-17 ta' Frar 2022 billi:

**Tilqa’** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kif propost, u dana limitatament għal dik il-medda ta’ art indikata bl-Ittra ‘A’ u kulurita bil-blue, fil-pjanta ppreżentata mir-rikorrenti u li tinstab a fol 63 tal-proċess odjern.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta’ l-intimati.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**